# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 312 – It-Tnejn, 30 ta' Novembru, 2015

## AĠENDA
1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti li joħorġu mill-Minuti
3. Finanzi: Approvazzjoni ta' pagamenti
4. Ħwejjeġ oħrajn.

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00 p.m. Ippresieda s-Sindku Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI
Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi Sindku Dr Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier is-sur Julian Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Clayton Cutajar
Il-Kunsilliera is-sinj. Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

### 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI
Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 310 u 311 jkunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Dominic Grech issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2 PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI

### 2.1 Talba ma' Transport Malta dwar restricted access fi Triq l-Imqabba

Is-Sindku qal li kien irċieva komunikat mingħand il-Perit Susanna Bonello ta' Transport Malta fejn qalet li lesti li jikkonsidraw li Triq l-Imqabba issir *one-way* imma ssir ukoll *one-way* Triq Annabelle Vassallo.

Meta s-Sindku spjega lill-Perit Bonello li dan huwa impossibbli minħabba d-diżlivell li hemm fi Triq Annabelle Vassallo, hija qalet li TM lesta li tikkunsidra t-talba tal-Kunsill bil-kundizzjoni li ssir konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali ta' Had-Dingli u dak tar-Rabat.

Huwa kompla jgħid li minkejja li m'għandniex obbligu, kien xorta se jikkonsulta magħhom.

### 2.2 Attività tal-Milied

Is-Sindku qal li l-kumitat organizattiv kien qed jiltaqa' regolarment u l-attività mistennija li ssir kif ippjanat.

### 2.3 Laqgħa tal-Lokalità

Is-Sindku informa li din se ssir kif kien diġà ġie ippjanat.

### 2.4 Jum is-Siġġiewi

Il-Kunsillier Clayton Cutajar issuġġerixxa li ssir kompetizzjoni ta' kitba ta' poeżija mit-tfal tal-iskola primarja imbagħad xi tnejn minnhom jinqraw waqt is-serata tal-għoti tal-onorifiċenza.

Is-Sindku appella lill-kunsilliera biex min għandu xi ideat dwar x'jista' jiġi organizzat, għandu jikkomunika miegħu mill-aktar fis possibli.

### 2.5 Festival tan-Nar

Is-Sindku informa lill-Kunsill li r-Reġjun għażel l-apllikazzjoni tal-KL tas-Siġġiewi u hekk din l-attività se terġa' tkun organizzata fis-Siġġiewi.

### 2.6 Applikazzjonijiet għal attivitajiet kulturali matul l-2016

Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għall-appell li kien jitratta r-rifjut min-naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali tal-applikazzjoni tal-2015 għall-Milied fil-Pjazza.

Mid-diskussjoni irriżulta li l-Bord kien se jirrifjuta wkoll l-applikazzjoni għall-Pjazza Milied tal-2016 u għahekk is-Sindku u s-Segretarju talbu li din tal-aħħar titħassar u minflokha ndaħħlu l-applikazzjoni għall-Mixegħal ta' Tal-Għolja. Din it-talba ntlaqgħet u għalhekk l-applikazzjonijiet għall-iskemi kulturali tal-2016 se jkunu Festa Għeneb u l-Mixegħla tas-Salib.

# 3 FINANZI

### 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 3.2 Rapporti Finanzjari April-Ġunju u Lulju-Settembru.

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tal-*unaudited accounts* għall-perjodi April-Ġunju u Lulju-Settembru. Huwa qal li minkejja fit-tieni perjodu il-working capital kien negattiv, dan kważi ġie pożittiv fit-tielet kwar.

# 4 HWEJJEĠ OHRAJN

### 4.1 Trasport tal-Anzjani għaċ-Ċentru ta' Matul il-jum

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li diversi anzjani qed jitolbu li jingħata dan is-servizz. Il-Kunsilliera Gillian Farruiga Pace qalet li dan is-servizz diġà qed jingħata bi ħlas minimu, madankollu xi anzjani qed jitolbu lill-Kunsill jiffinanzja b'mod sħiħ dan is-servizz.

Is-Sindku qal li kien qed iħejji dokument ta' xhiex għandna nitolbu lill-Gvern Ċentrali vis-a-vis is-servizzi lill-anzjani, u dan ikun jinkludi wkoll in-*night centre*.

### 4.2 Bankina mkissra fi Triq Annunziato Schembri

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal quddiem ir-residenza 50, Triq Annunziato Schembri tkissret il-bankina. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jsegwi l-każ.

### 4.3 Triq in-Nirien

Il-Kunsillier Clayton Cutajar qal li kien avviċinat minn xi residenti tal-imsemmija triq fejn qed jitolbu jekk il-parti li mhijiex żviluppata tistax tinbidel f'sit ta' parkeġġ.

Is-Sindku qal li kellu diversi kuntatti kemm mal-Arċipriet kif ukoll mal-Perit tal-parroċċa. Jidher li l-MEPA għada ma ipprovditx il-linja tal-bini tal-kappella kif ukoll tat-triq u għalhekk il-proċess jinstab wieqaf.

### 4.4 Mafkar ta' Mons Mikiel Azzopardi

Is-Sindku qal li fil-jiem li ġejjin mistennija jibdew ix-xogħolijiet strutturali fil-post fejn se jsir il-mafkar u li l-pjan hu li dan ikun inawgurat fl-20 ta' Diċembru imma dan jiddependi mid-disponibiltà tal-President tar-Repubblika. Il-Kunsillier Clayton Cutajar qed jikkordina l-kuntatt mal-uffiċju tal-President.

**4.5 Triq Salvatore Borg Olivier/Triq Mons Mikiel Azzopardi**

Is-Sindku qal li t-talba għal *spring back bollards* kienet ġiet milqugħa minn Transport Malta.
Il-Kunsillier Julian Borg għandu jsegwi l-każ.

**4.6 Parking fi Triq San Ġwann**

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li jifhem li parking partikolari f'din it-triq huwa wieħed problematiku imma qed ikun kaġun ta' interferenza fil-flow tat-traffiku u għalhekk hemm il-ħtieġa urġenti li tittieħed deċiżjoni.
Is-Sindku se jsegwi l-każ.

**4.7 Bring-in site fi Triq Patri Ġużè Delia**

Il-Kunsillier Dominic Grech qal diversi residenti ġibdu l-attenzjoni dwar din il-materja.

Is-Sindku qal li l-każ beda meta persuna partikolari talbet li dawn il-BIS jitressqu b'mod temporanju sakemm isiru x-xogħolijiet. Madankollu jidher ċar li dawn jixtiequ li jibqgħu kif inhuma u mhux kif kienu oriġinarjament.

Sar qbil li l-BIS jittieħdu lura fil-pożizzjoni oriġinali tagħhom u l-persuna partikolari tiġi informata minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv.

**4.8 Sprall fi Triq Dun Manwel Zammit**

Il-kunsillier Dominic Grech ġibed l-attenzjoni fuq sprall partikolari li jinsab fuq il-bankina fl-ewwel parti tat-triq Dun Manwel Zammit.

Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jikkuntattja l-propretarji.

**4.9 L-iżvilupp dwar ir-Reġjuni**

Is-Sindku qal li kif tafu, minn Settembru li għadda l-Gwardjani Lokali m'għadhomx jaqgħu taħt ir-responsabbilità tar-reġjuni imma taħt l-Aġenzija li twaqqfet. Jidher li s-Sindki qed iħossu l-ħtieġa li l-pubbliku jkun infurmat li l-Kunsilli m'għadx għandhom responsabbiltà diretta tal-infurzar. Mhux ċar lanqas jekk hemmx l-obbligu min-naħa tal-Aġenzija li tikkonsulta mar-Reġjuni u mal-Kunsilli.

Hu jemmen li kull lokalità għandha tiddeċiedi hi xi trid u x'tinħtieġ. Marbuta ma' dan hemm il-kwistjoni ta' x'se jiġri mir-Reġjuni.

Jidher li wieħed mill-kompetenzi tar-Reġjun hu li jkollu pool ta' ħaddiema tal-IPSL u jintużaw mill-Kunsilli skont il-ħtieġa.Madankollu din għada mhijiex ċara. Jista' jagħti l-każ li r-Reġjuni jibdew jagħmlu xi dmirijiet li preżentament qed isiru mill-Kunsilli. Is-Sindku qal li hu totalment kontra dan l-iżvilupp. Għal din ir-raġuni kien se jfassal x'pożizzjoni għandu jieħu l-Kunsill dwar din il-materja u se jressaqha fis-seduta li jmiss.

**4.10 Vacation leave tas-Segretarju**

Is-Sindku qal li minħabba esiġenzi ta' xogħol, is-Segretarju Eżekuttiv għad baqgħalu 96 siegħa *vacation leave* u għalhekk ippropona li dan jiġġedded għas-sena d-dieħla.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill irriżolva favur b'mod unanimu.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara magħluqa fit-8:00pm u ippropona li l-Kunsill jerġa' jitlaqqa' Nhar il-Ħamis, 17 ta' Diċembru, fis-7.00p.m. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum il-Ħamis, 17 ta' Diċembru, 2015**

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 312**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta’ Xiri u Pagamenti

**Data: 2/11/15-30/11/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | smart office supplies | 24.07 | 24.07 | d | pf | rubber stamp | 16.11.15 | 31054 | | | | 11124 |
| 2 | ecopure | 17.00 | 17.00 | d | pf | water for dispenser | 17.11.15 | 624246 | | | | 11097 |
| 3 | datatrak | 7.04 | 7.04 | d | pf | pre-region tickets oct15 | 31.10.15 | 1011243 | | | | 11098 |
| 4 | gmm & associates | 824.76 | 824.76 | t | pf | account reports July-Sept15 | 27.10.15 | bill-0093 | | | | 11099 |
| 5 | gmm & associates | 824.76 | 824.76 | t | pf | account reports april-june15 | 27.10.15 | bill-0092 | | | | 11099 |
| 6 | ecopure | 17.00 | 17.00 | d | pf | water for dispenser | 3.11.15 | 622877 | | | | 11097 |
| 7 | antonia aquilina | 131.40 | 131.40 | d | pf | library attendant oct15 20hrsx6.57 | 31.10.15 | | | | | 11127 |
| 8 | emidius camilleri | 551.63 | 551.63 | t | pf | public conveniences oct15 | 4.11.15 | 26 | | lcs24/13 | | 11102 |
| 9 | emidius camilleri | 1115.00 | 1115.00 | t | pf | cleaning lapsi bay june-sept15 | 18.11.15 | 27 | | | | 11102 |
| 10 | waste collection ltd | 4079.53 | 4079.53 | t | pf | waste colelction ltd - nov15 | 30.11.15 | 15/538. | | lcs12/13 | | 11126 |
| 11 | nexos | 2243.97 | 2243.97 | t | pf | street lighting repairs | 27.10.15 | 2010902 | | lcs33/09 | | 11150 |
| 12 | antonia aquilina | 124.83 | 124.83 | d | pf | library services nov15 19hrs x 6.57 | 30.11.15 | | | | | 11127 |
| 13 | anthony vella | 1042.00 | 1042.00 | d | pf | led lamps for christmas decorations | 14.11.15 | 40/41. | | | | 11100 |
| 14 | mary micallef | 22.00 | 22.00 | d | pf | refund zumba classes | 16.10.15 | 16337 | | | | 11101 |
| 15 | tony pace | 450.00 | 450.00 | d | pf | repairs public conveniences lapsi | 5.11.15 | 36 | | | | 11103 |
| 16 | melita | 496.09 | 496.09 | d | pf | triq nikola bonello from connection till no | 1.11.15 | 102201312 | | | | 11113 |
| 17 | melita | 270.00 | 270.00 | d | pf | triq salvu borg olivier connection till nov1 | 1.11.15 | 102201652 | | | | 11113 |
| 18 | melita | 270.00 | 270.00 | d | pf | triq patri guze delia connection till nov15 | 1.11.15 | 102201654 | | | | 11113 |
| 19 | access point | 306.80 | 306.80 | d | pf | it virtual pack nov15 | 2.11.15 | 6151 | | | | 11104 |
| 20 | akl | 40.00 | 40.00 | d | pf | laqgha ghas-sindki 14/11/15 | | | | | | 11105 |
| | **Sub Total c/f** | **€12,857.88** | **€12,857.88** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€12,857.88** | **€12,857.88** | | | | | | | | | |

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 312 tat-30/11/15**

Kunsillier

**Data: 2/11/15-30/11/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | akl | 40.00 | 40.00 | d | pf | laqgha ghas-sindki 14/11/15 vici-sindku | | | | | | 11105 |
| 22 | synthesis man ltd | 826.00 | 826.00 | t | pf | supervisor of works oct15 | 1.11.15 | lc-025 | | | | 11112 |
| 23 | melita | 13.81 | 13.81 | d | pf | premises Nov15 | 1.11.15 | 102184740 | | | | 11113 |
| 24 | vodafone | 93.60 | 93.60 | d | pf | 99762218 Oct15 | 1.11.15 | 4.91747E+12 | | | | 11106 |
| 25 | r.giorgino | 9.00 | 9.00 | d | pf | parking fee course e-tenders Floriana Car | 10.11.15 | | | | | 11116 |
| 26 | calliope | 112.89 | 112.89 | d | pf | uniform shirts | 14.11.15 | | | | | 11116 |
| 27 | jgc ltd | 472.00 | 472.00 | d | pf | 2 cradle seats playing pield | 4.11.15 | 292-15 | | | | 11107 |
| 28 | go | 98.39 | 98.39 | d | pf | 21466000/21466036 oct15 | 7.11.15 | 4601948 | | | | 11114 |
| 29 | go | 48.16 | 48.16 | d | pf | 21465799/21465805 oct15 | 7.11.15 | 46019325 | | | | 11114 |
| 30 | go | 15.58 | 15.58 | d | pf | 21462946 oct15 | 7.11.15 | 46019289 | | | | 11114 |
| 31 | go | 84.96 | 84.96 | d | pf | 21468874 oct15 | 7.11.15 | 46019322 | | | | 11114 |
| 32 | the guard & warden | 278.58 | 278.58 | d | pf | warden old church street | 31.10.15 | GS002644 | | | | 11108 |
| 33 | smart office supplies | 77.29 | 77.29 | d | pf | ink cartridges | 12.11.15 | 30834 | | | | 11124 |
| 34 | ganaja | 2477.41 | 2477.41 | t | pf | repair paving/kaptelli 2607.80-130.39mf | 17.10.15 | 43/15. | | | | 11109 |
| 35 | tm | 120.00 | 120.00 | d | pf | road work application triq santu kristu ta' | 18.11.15 | 1601/15 | | | | 11094 |
| 36 | tm | 120.00 | 120.00 | d | pf | road work application triq Ta ziri | 18.11.15 | 1600/15 | | | | 11094 |
| 37 | al's mimimarket | 55.00 | 55.00 | d | pf | 20 pks water small | 23.11.15 | 12701248 | | 117/15 | | 11110 |
| 38 | gov gazette | 9.32 | 9.32 | d | pf | advert closure road published on 6/10/15 | 23.11.15 | | | | | 11111 |
| 39 | method8solutions | 85.00 | 85.00 | d | pf | hosting/domain name | 22.22.15 | 282 | | | | 11115 |
| 40 | smart office supplies | 207.62 | 207.62 | d | pf | stationery | 20.11.15 | 31360 | | 115/15 | | 11124 |
| | **Sub Total c/f** | **€5,244.61** | **€5,244.61** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€12,857.88** | **€12,857.88** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€18,102.49** | **€18,102.49** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 312 tat-30/11/15**

0 Kunsillier

**Data: 2/11/15-30/11/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | r.giorgino | 18.00 | 18.00 | d | pf | fuel expenses seminar floriana CDRT nov | 30.11.15 | | | | | 11116 |
| 42 | david grima | 80.00 | 80.00 | d | pf | fuel expenses nov15 | 30.11.15 | | | | | 11122 |
| 43 | n.baldacchino | 97.00 | 97.00 | d | pf | fuel expenses nov15 | 30.11.15 | | | | | 11121 |
| 44 | employees | 5406.61 | 5406.61 | d | pf | salaries nov15 | | | | | | |
| 45 | k.aquilina | 705.05 | 705.05 | d | pf | honoraria nov15 | | | | | | |
| 46 | k.aquilina | 17.98 | 17.98 | d | pf | floodlight | 30.11.15 | 1960107953 | | | | 11117 |
| 47 | k.aquilina | 259.29 | 259.29 | d | pf | electrical items | 30.11.15 | 202427 | | | | 11117 |
| 48 | k.aquilina | 274.72 | 274.72 | d | pf | electrical items | 30.11.15 | 1544227 | | | | 11117 |
| 49 | k.aquilina | 221.41 | 221.41 | d | pf | pixarprinting adhesives | 30.11.15 | 728325/15 | | | | 11117 |
| 50 | k.aquilina | 207.68 | 207.68 | d | pf | sms notifications to residents | 29.11.15 | 898963 | | | | 11117 |
| 51 | k.aquilina | 60.42 | 60.42 | d | pf | electrical items | 30.11.15 | 7824634w | | | | 11117 |
| 52 | natasha mizzi | 459.00 | 459.00 | k | pf | cleaning council premises nov15 76.5x6 | 30.11.15 | | lcs29/12 | | | 11118 |
| 53 | cassie cutajar | 115.20 | 115.20 | d | pf | clerikal work saturdays nov15 16hrsx7.2 | 30.11.15 | | | | | 11119 |
| 54 | cassie cutajar | 144.00 | 144.00 | d | pf | clerikal work saturdays oct15 20hrsx7.2 | 30.11.15 | | | | | 11119 |
| 55 | cir | 2287.20 | 2287.20 | d | pf | cir - nov15 | 30.11.15 | | | | | 11128 |
| 56 | arms | 70.94 | 70.94 | d | pf | salvu borg olivier 5/9/15-5/11/15 | 27.11.15 | 21310031 | | | | 11123 |
| 57 | arms | 100.14 | 100.14 | d | pf | dun anton vella 2/10/15-2/11/15 | 19.11.15 | 21289779 | | | | 11123 |
| 58 | arms | 27.50 | 27.50 | d | pf | dr a fenech 2/10/15-30/10/15 | 19.11.15 | 21289773 | | | | 11123 |
| 59 | arms | 38.77 | 38.77 | d | pf | dr n zammit 2/10/15-30/10/15 | 19.11.15 | 21289778 | | | | 11123 |
| 60 | emanuel cutajar | 280.00 | 280.00 | d | pf | tuition drama course 7 students x 40 | 26.11.15 | Fra-15 | | | | 11120 |
| | **Sub Total c/f** | **€10,870.91** | **€10,870.91** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€18,102.49** | **€18,102.49** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€28,973.40** | **€28,973.40** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 312 tat-30/11/15**

0 Kunsillier

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 312**

**Data: 2/11/15-30/11/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | n.baldacchino | 97.00 | 97.00 | d | pf | fuel expenses nov15 | 30.11.15 | | | | | 11121 |
| 62 | d.grima | 80.00 | 80.00 | d | pf | fuel expenses nov15 | 30.11.15 | | | | | 11122 |
| 63 | p.cutajar | 179.39 | 179.39 | d | pf | wine for reception san nikola | 26.11.15 | 828731 | | 119/15 | | 11125 |
| 64 | | | | | | | | | | | | |
| 65 | | | | | | | | | | | | |
| 66 | | | | | | | | | | | | |
| 67 | | | | | | | | | | | | |
| 68 | | | | | | | | | | | | |
| 69 | | | | | | | | | | | | |
| 70 | | | | | | | | | | | | |
| 71 | | | | | | | | | | | | |
| 72 | | | | | | | | | | | | |
| 73 | | | | | | | | | | | | |
| 74 | | | | | | | | | | | | |
| 75 | | | | | | | | | | | | |
| 76 | | | | | | | | | | | | |
| 77 | | | | | | | | | | | | |
| 78 | | | | | | | | | | | | |
| 79 | | | | | | | | | | | | |
| 80 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€356.39** | **€356.39** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€356.39** | **€356.39** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 312 tat-30/11/15**

0

Kunsillier